GARANZIJA - 838A TAL-KAP 12

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet ta' nhar il-Hamis, 20 ta' Gunju 2019**

**Rikors Guramentat Numru : 476/2019/LSO**

**Wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 566/2019 fl-ismijiet:**

**BT Prime Limited (numru tal-kumpanija registrata gewwa l-Bermuda EC 49242) kif rapprezentata mill-mandatarju specjali lokali taghha l-Av. Jonathan Thompson (KI 80886M)**

**vs**

**FXDD Malta Limited (C48817)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors b'urgenza ta' FXDD Malta Limited (C48817) *ai termini* tal-Artikolu 838A tal-Kap 12 datat 17 ta' Mejju 2018 fejn esponew:-

A. Il-Fatti

1. Fit-30 ta' April 2019 gie pprezent, u akkordat dak inhar stess, rikors minn BT Prime Limited ("BT Prime") li permezz tieghu BT intalab il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ('fil-Mandat") kontra il-kumpanija sekwestrata FXDD Malta Limited ("FXDD") fl-ammont ta' sitt miljuni tmien mija u tmint elef, erba' mija disgha u tletin ewro u dstatax-il centezmu (€ 6,808,439.19) ekwivalenti ghal seba' miljuni, hames mija u sitta u tmenin, tmien mija u hamsin Dollaru Amerikan ($ 7,586,850) (Dok FXDD 1);

2. Konsegwenza tal-hrug ta' dan il-Mandat, gew sekwestrati l-ammonti ta' sitt mija u tnejn u ghoxrin elf erba' mija u wiehed u disghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€622,491.95) provenjenti mill-kont bankarju ta' FXDD mizmum fil-kont tal-Bank of Valletta bin-numru 40018817339, kif ukoll l-ammont ta' zewg miljuni disa' mija sitta u tmenin elf u mija u tmien Dollaru Amerikan u sbatax-il centezmu ($ 2,986,108.17) provenjenti mill-kont bankarju ta' FXDD mizmum fil-kont tal-Bank of Valletta bin-numru 40018817342 ta' FXDD. Il-Bank of Valletta ta indikazzjoni

verbali lill-FXDD illi dan l-ammont ser jigi depozitat il-Qorti wara li jghaddu ghoxrin jum mit-30 ta' April 2019. FXDD m'ghandha l-ebda kont bankarju iehor f'Malta, u ghalhekk hija totalment dipendenti fuq l-uzu kontinwu ta' dan il-kont mal-Bank of Valletta sabiex tkun tista' topera. FXDD ma ghandha l-ebda kont iehor denominat bl-Euro biex minnu thallas min jaghtiha servizzi.

3. BT Prime hija kumpanija registrata fil-Bermuda, minghajr prezenza lokali, u li bhalissa jidher li ghaddejja minn proceduri ta' likwidazzjoni fl-Istati Uniti. In fatti, sabiex jinhareg il-Mandat, inghatat prokura specjali lil Dr Jean C Farrugia u Dr Jonathan Thompson minn certu John Haggerty *"in his capacity of Liquidating Supervisor of the abovementioned BT Prime Limited"* (ara Dok FXDD 2);

4. FXDD hija kumpanija registrata Malta sa mill-4 ta' Frar 2010, b'kapital awtorizzat u mahrug ta' izjed minn tnejn u ghoxrin Miljun Dollaru Amerikan, imhallas kollu (ara Dok FXDD 3). Barra minn hekk, FXDD hija licenzjata mill-MFSA sabiex tipprovdi servizzi finanzjarji ta' *foreign exchange trading*, u ghalhekk hija soggetta ghas-supervizjoni tal-istess MFSA (ara Dok FXDD 4).

5. Lejn l-ahhar tal-2016 jidher li BT Prime fethet kawza fl-Istati Uniti fejn indikat lil FXDD bhala wahda minn bosta konvenuti f'dawk il-procediment. (ara Dok FXDD 1)

6. F'Jannar tal-2017 FXDD, John Haggerty *"in his capacity of Liquidating Supervisor of the abovementioned BT Prime Limited"* interpella lill-FXDD sabiex thallas l-ammont ta' kwazi ghoxrin miljun dollaru amerikan (Dok

FXDD 5). Fl-istess ittra ufficjali isir accenn ghal *"proceedings filed before the United States Bankruptcy Court, District of Massachusetts (Eastern Division)",* minghajr ebda spjegazzjoni jew indikazzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward, kif ukoll minghajr ebda spjegazzjoni tal-kompozizzjoni ta' l-ammont hemm indikat in sostenn tal-allegazzjoni hemm kontenuta;

7. FXDD irrispingiet l-allegazzjoni hemm kontenuta permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 224/17 (Dok FXDD 6 anness). Wara dan, FXDD ma rceviet l-ebda talba ulterjuri ghall-hlas;

8. Mill-Mandat innifsu, jidher illi l-istess Mandat inhareg sabiex tigi kawtelata pretensjoni ta' BT Prime li tinstab dedotta f'kawza fl-ismijiet BT Prime Ltd v Boston Technologies et, pprezentata fil-United States Bankruptcy Court District of Massachusetts (Eastern Division);

9. Ta' min jirrimarka illi bejn l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali ta' Jannar tal-2017 u dak mitlub mill-Mandat hemm kemmxejn differenza. Dan il-fatt wahdu jaghti impressjoni li minn talab il-hrug tal-Mandat jidher li ghandu harira tendenza li l-ammonti jfajjarhom daqsxejn bl-addocc. Meta, imbaghad, wiehed jifli it-talba li saret fil-United States Bankruptcy Court District of Massachusetts (Eastern Division) minn BT Prime u jsib izjed diskrepanzi, din l-impressjoni tigi kristalizzata f'suspett konfermat.

10. L-FXDD qed tiddikjara minn issa li hija ser taghmel — izjed 'il quddiem — rikors separat ghar-revoka ta' dan il-Mandat u jekk issib li hemm lok li tfittex ghad-danni, penali

u interessi, ser tipprocedi b'talbiet appoziti. Ghalhekk, dan ir-rikors qieghed jigi intavolat minghajr pregudizzju ghall-kwalunkwe dritt spettant lir-rikorrent f'dan ir-rigward.

11. Izda, qabel xejn, fil-fehma tal-esponenti huwa krucjali li jigi deciz dan ir-rikors, u *stante* illi f'proceduri bhal dawn, fejn qed issir talba ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12:

....l-ordni biex tinghata garanzija m'hijiex l-istess bhal kundanna ta' penali jew kundanna ghall-hlas ta' danni: l-ghan wahdieni taghha huwa li tqieghed lill-parti ezekutata f'qaghda li, meta u jekk tibda proceduri ghal dan il-ghan, issib assi li fuqhom tkun tista' tezegwixxi decizjoni favorevoli ghaliha. (emfazi mizjuda) *[l](Rikors numru 1906/2001/1 Bruno Romano v Blaschem (Malta) Limited, deciza 23/07/2003, per lmhallef Joseph R Micallef.)*

B. Htiega ta' "Kawza Gusta"

12. L-Artikolu 838A jipprovdi kif gej:

*"Il-qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug tal-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju."* (emfazi mizjuda)

13. Fil-fehma umli tal-esponenti, ghandu jkun pacifiku illi l-ghan tal-Artikolu 838A huwa illi, f'cirkustanzi fejn hemm kawza gusta, il-persuna li kontriha jkun inhareg mandat

kawtelatorju tkun tista' tottjeni protezzjoni fil-forma ta' garanzija xierqa ghall-hlas ta penali, imghax u danni li jistghu jigu rekati lilha fil-futur, kawza tal-mandat. Dan l-artikolu jibni fuq il-principju kardinali (fil-kuntest ta' mandati kawtelatorji) stabbilit fl-Artikolu 829 tal-Kap 12, li jghid b'mod car illi l-mandati kawtelatorji jinhargu "taht ir-responsabilita`" ta' min ikun qieghed johroghom.

14. Il-verita', pero`, hija li effettivament BT Prime haddmet il-proceduri stipulati fl-ordni legali Maltija sabiex tohrog mandat sostanzjali, anzi sostanzjalissimu, li ma hu xejn "*taht ir-responsabilita`*" taghha. Dan qed jinghad ghaliex BT Prime m'ghandhiex prezenza f'Malta u, infatti, qed tagixxi f'dawn il-proceduri tramite mandatarji taghha appuntati limitatement ghal dan l-iskop. Il-mandatarji taghha, hekk appuntanti, jirrispondu biss ghad-drittijiet u spejjez ta' dawn il-proceduri[2] *(Ara Artikolu 1005(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.)* M'ghandhom l-ebda responsabbilita` ghal interessi, danni jew penali li BT Prime tista', fil-futur, tigi kkundannata thallas u li, tenut kont l-ammonti li huma mertu tal-Mandat, jistghu jkunu sostanzjali.

15. Ghalhekk, fl-eventwalita' li FXDD f'xi hin jew iehor fil-futur issib illi ghandha il-jedd li tfittex u tottjeni danni, interessi jew penali konsegwenza tal-Mandat ipprezentat minn BT Prime, FXDD ser issib illi, f' Malta, m'hemm hadd li jkun jista' taghmel tajjeb ghalihom. Meta FXDD tmur thabbat il-bieb tal-mandatarji prezenti f'Malta, bla dubbju ser issib risposta fis-sens illi, *ai termini* tal-Artikolu 1005 tal-Kap 12, il-mandatarji mhumiex responsabbli.

16. Ghalhekk, jekk jigri hekk, sabiex FXDD issib il-haqq, tkun kostretta ingustament tiftah proceduri fl-Istati Uniti (fejn hemm il-proceduri ta' insolvenza) jew fil-Bermuda (fejn BT Prime hija registrata), indubbjament bi spiza u inkonvenjenza kbira, izda bi prospett zghir ta' success. Prospett zghir ta' success ghaliex irid ikun imfakkar illi BT Prime jidher li bhalissa ghaddejja minn proceduri ta' likwidazzjoni u, ghalhekk, bla dubbju dan il-fatt igib il-periklu (kif ukoll suspett serju u ragjonevoli) illi jekk tigi kkundannata teffetwa xi forma ta' rizarciment, ma tkunx fil-posizzjoni li taghmlu.

17. Il-ligi ma tiddefinixxix fiex tikkonsisti "kawza gusta", lanqas permezz ta' lista illustrattiva ta' ezempji. Ghalhekk, jidher illi l-legislatur donnu ried ihalli f'idejn il-Qrati sabiex, *on a case by case basis*, il-Qrati jkunu jistghu jidderminaw dwar l-ezistenza *o meno* ta' kawza gusta. Ta' min jghid illi, f'sitwazzjoni analoga ghal dik prezenti, il-Qorti[1] qabel ma ordnat illi tinghata garanzija, qalet hekk:

*Ironikament, mill-assjem tal-provi kollha li tressqu quddiemha, din il-Qorti ssib li hija din it-talba [ai termini tal-838A tal-Kap 12] li jidher li ghandha tkun meqjusa bhala wahda misthoqqa. Dan jinghad l-izjed ghaliex l-intimat ezekutant m'huwiex cittadin Malti, ma jidhirx li ghandu gid f'Malta u halla Malta minnufih wara li hareg il-Mandat (jekk mhux ukoll qabel, kif donnu jindika fix-xhieda tieghu nnifsu) u rega' gie Malta biss biex jaghti x-xhieda tieghu f'dawn l-atti u hatar mandatarji specjali biex jidhru ghalih fl-atti tal-Mandat u dawk marbutin mieghu.*

[3] Rikors numru 1906/2001/1 Bruno Romano v Blaschem (Malta) Limited, deciza 23/07/2003, per lmhallef Joseph R Micallef.

*Huwa hawnhekk li l-Qorti sejra tiehu qies tat-tbatija li qieghda ggarrab il-kumpanija rikorrenti bil-Mandat fis-sehh u huwa hawnhekk li l-Qorti trid tassigura li ghalkemm l-intimat ezekutant ressaq fi zmien utli l-Att tat-Citazzjoni, isegwih b'ghaqal u minghajr tnikkir.* (emfazi mizjuda)

18. Ghandu jkun evidenti illi s-sitwazzjoni prezenti hija simili hafna ghal dak deskritt mill-Qorti hawn fuq, u dan kif diga` gie spjegat izjed 'il fuq. Ghalhekk, fil-fehma tal-esponenti, tezisti "kawza gusta" kif trid il-ligi, u dan li ‘l hinn minn ragunijiet ohra li jinkombu fuq l-ezistenza ta' kawza gusta, inkluz l-ammont sostanzjali mitlub permezz tal-Mandat.

C. <u>Dwar l-ammont ta' Garanziia</u>

19. Dwar l-ammont ta' garanzija li ghandha tinghata, il-ligi ghal darb' ohra thalli diskrezzjoni wiesgha f'idejn il-Qorti billi tipprovdi biss illi tinghata "...garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax... "

20. Il-Qrati taghna kkummentaw illi sabiex tigi iffissata l-garanzija "ghandu jincidi konsiderevolment dak li qed jintalab fil-hrug tal-mandati.” *(Rikors Numru. 709/2006 Joseph Zammit u martu Victoria Zammit vs Michael Debono u martu Mary Debono, deciza 31st August 2006, per Imhallef Geoffey Valencia.)* F'decizjonijiet ohrajn, il-Qrati taghna ddecidew illi meta wiehed ikun deprivat minn flusu, allura hemm dannu ta' mill-anqas tmienja fil-mija (8%) fis-sena.[5] *(Ara per ezempju Rikors Numru. 635/2007 Bartolomeo sive Albert Caruana ghan-nom u in rappreientanza tas-socjeta` Tal-Franciz Development Limited*

*Versus Francis Bezzina Wettinger bin Spiridione, deciza 20/06/2008, per Imhallef Giannino Caruana Demajo: "Fil-fehma ta' din il-qorti filkaz tallum intwerew ragunijiet tajba ghala tinghata l-garanzija, l-aktar ghax il-valur sekwestrat huwa gholi, u l-potenzjal ghall-hsara huwa daqstant gholi. Ir-rikorrent qed isofri danni ghax qed jigi mcahhad mill-uzu ta' flusu; skond l-art. 1047(1) tal-Kodici Civili, dawn id-danni jitqiesu bhala mghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena.")* F'ohrajn, il-Qrati raw ukoll illi mandat kien ser iwaqqaf ghal kollox ix-xoghol kummercjali maghmul mill-ezekutat, u hadu konsiderazzjoni ta' dan u ffatturaw ukoll element ta' telf ta' qliegh fil-komputazzjoni tal-garanzija.[6] *(Rikors numru 1906/2001/1 Bruno Romano v Blaschem (Malta) Limited, deciza 23/07/2003, per Imhallef Joseph R Micallef.)*

21. In linja generali, il-Qrati taghna esprimew principji generali fis-sens:

*Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jigi ffissat irid izomm bilanc xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex ihares il-pretensjonijiet taghha f'kawza pendenti, u l-effett li tali att ihalli fuq il-persuna li kontra taghha jinhareg dak il-Mandat. Ta' min jghid hawnhekk li l-ordni biex tinghata garanzija m'hijiex l-istess bhal kundanna ta' penali jew kundanna ghall-hlas ta' danni:* ***l-ghan wahdieni taghha huwa li tqieghed lill-parti ezekutata f'qaghda li, meta u iekk tibda proceduri ghal dan il-ghan, issib assi li fughom tkun tista' teseqwixxi decizioni favorevoli ghaliha*****.** (emfazi mizjuda) [7] *(Rikors numru 1906/2001/1 Bruno Romano v Blaschem (Malta) Limited, deciza 23/07/2003, per Imhallef Joseph R Micallef.*)

u illi

Hi fehma ta' dina l-Qorti li fil-kaz in ezami tirrizulta kawza gusta billi mhux eskluz li bix-xoghol wieqaf u b'relazzjonijiet kontrattwali tarrikorrenti ma terzi pendenti, hemm possibilita' li r-rikorrenti se jsofru danni. Huwa xieraq li kif serhu rashom l-intimati bil-hrug tal-mandat, ghandhom dritt iserrhu mohhhom ukoll ir-rikorrenti ghall-eventwali danni li jistghu isofru. Il-Qorti trid thares f'dan l-istadiu kawtelatorju l-interessi legittimi taz-zewg partiiiet. [2] (emfazi mizjuda)

22. Kif intqal izjed 'il fuq, il-htiega ta' serhan tal-mohh ghal FXDD f'dan il-kaz huwa necessarju kemm ghaliex min hareg il-Mandat m'ghandu l-ebda prezenza jew konnessjoni ma' Malta, kif ukoll ghaliex jidher illi kurrentement qieghed f'xi forma ta' proceduri ta' insolvenza.

23. Bla dubbju — u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tar-rikors — il-Mandat ghandu effett devastanti fuq l-FXDD. Kif intqal izjed 'il fuq, l-FXDD hija *foreign exchange trader*, u cioe' hija tbiegh u tixtri *foreign exchange* u tiffacilita l-bejgh u xiri ta' *foreign exchange.* FXDD hija regolata u ghandha Category 3 Licence minghand l-MFSA u allura tista' tagixxi bhala 'market maker'. Ghaldaqstant, sabiex taccetta certu tip ta' xoghol hija ghandha bzonn kapital imdaqqas sabiex tiggarantixxi certu 'trades' bil-kapital taghha. L-effett tal-mandat huwa li, bazikament, il-kumpanija giet deprivata mill-*operating capital* taghha li ser

[2] Rikors Numru. 709/2006 Joseph Zammit u martu Victoria Zammit vs Michael Debono u martu Mary Debono, deciza 31St August 2006, per lmhallef Geoffey Valencia.

iwaqqaf lil FXDD milli taccetta certu 'trades', u mhux ser tkun tista' taghmel pagamenti bl-Euro. Fi kliem semplici, l-operat ta' FXDD ser jitwaqqaf jew jigi serjament ostakolat, u dan ovvjament ser johloq dannu kbir lil FXDD, lill-azzjonisti taghha, u fl-ahhar mill-ahhar, lill-impjegati taghha. Barra minn hekk, irid jinghad illi dan il-Mandat jista' johloq *reputational damage* li jgib mieghu dannu reali, u cioe' dannu fis-sens illi jinholoq ‘a run on the bank' u cioe' li l-klijenti jibdew jigbdu l-flus li ghandhom ghand l-FXDD.

24 Ghaldaqstant, *in vista* tat-taghlim in materja, fil-fehma tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti ghandha tqis is-segwenti:

a. il-fatt li "il-valur sekwestrat huwa gholi, u l-potenzjal ghall-hsara huwa daqstant gholi";
b. il-fatt li r-rikorrent qed isofri danni ghax qieghed jigi mcahhad minn flusu;
c. l-inezistenza totali ta' assi prezenti fil-gurisdizzjoni Maltija sabiex FXDD tkun tista' tezegwixxi decizjoni eventwali favorevoli ghaliha relattiva ghal-hlas ta' danni, penali u imghax;
d. id-dritt illi FXDD isserrah mohha ghar-rigward tal-eventwali danni li jistghu jigu sofferti minnha;
e. it-telf li ser igarrab FXDD minhabba l-fatt li l-operat taghha effettivament ser jitwaqqaf jew jigi serjament ostakolat.

Ghaldaqstant, filwaqt li r-rikorrenti umilment titlob il-permess li tressaq xhieda opportuni waqt is-smigh ta' dan ir-rikors, titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

a. Tappunta dan ir-rikors ghas-smigh b'urgenza;

b. Tordna lill-intimata sekwestranti sabiex fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, tipprovdi garanzija xierqa stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, u dan taht il-modalitajiet xierqa f'dan ir-rigward.

c. Tordna li jekk din il-garanzija ma tigix provduta kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, jitnehha l-Mandat Kawtelatorju bin-numru 566/2019 fl-ismijiet premessi

Rat li din ir-rikors b' urgenza giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Mejju 2019 fis-1:00 pm,u ordnat in-notifika lill-kontro-parti b' jumejn zmien ghal risposta.

Rat ir-risposta BT Prime Limited datata 22 ta' Mejju 2019 (fol 26) fejn esponiet bir-rispett:

1. Illi permezz ta' rikors ipprezentat mill-kumpanija sekwestrata FXDD Malta Limited ("il-kumpanija sekwestrata") fis-17 ta' Mejju 2019, l-istess kumpanija sekwestrata talbet, ghar-ragunijiet hemm moghtija, lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

a. Tappunta dan ir-rikors ghas-smigh b 'urgenza;

b. Tordna lill-intimata sekwestranti sabiex fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, tipprovdi garanzija xierqa stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, u dan taht il-modalitajiet xierqa f'dan ir-rigward

c. Tordna li, jekk din il-garanzija ma tigix provduta kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, jitnehha l-Mandat Kawtelatorju bin-numru 566/2019 fl-ismijiet premessi.

2. Illi permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Mejju 2019 stess, dina l-Onorabbli Qorti, filwaqt illi ordnat is-smigh b'urgenza tar-rikors *de quo* u appuntatu ghas-smigh ghat-23 ta' Mejju, 2019 fis-1:00pm, ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontroparti b'jumejn (2) zmien ghal risposta;

3. Illi l-mandatarju specjali tal-kumpanija sekwestranti BT Prime Limited ("il-kumpanija sekwestranti") gie notifikat bl-imsemmi rikors fl-20 ta' Mejju 2019;

4. Illi jirrizulta mir-rikors *de quo* illi s-sekwestratarji m' ghandhomx f'idejhom bizzejjed assi sabiex jikkawtelaw fl-intjier taghha l-pretensjoni tal-kumpanija sekwestranti kif dedotta fil-mandat ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proceduri, b'dan illi mhux talli l-pretensjoni tal-kumpanija sekwestranti m'hijiex sufficjentement ikkawtelata, talli certament illi l-mandat ta' sekwestru *de quo* ma jistax jitqies illi sar abbuzivament jew frivolozament;

5. Illi l-kumpanija sekwestranti toggezzjoni bil-qawwa kollha ghat-talbiet tal-kumpanija sekwestrata u dan ghas-segwenti ragunijiet:

**A. Nuqqas ta' Prova ta' Danni, Penali u/jew Imghaxijiet dovuti lill-Kumpanija Sekwestrata mill-Kumpanija Sekwestranti**

i. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet tal-kumpanija sekwestrata ghandhom jigu michuda fl-intjier taghhom *stante* illi l-kumpanija sekwestrata naqset ghal kollox milli tressaq xi ragunijiet li dwarhom il-Qorti tista' tikkunsidra li tordna lill-kumpanija sekwestranti thallasha xi penali, danni u/jew imghaxijiet u ghaldaqstant ma jirrizultawx sodisfatti l-kundizzjonijiet li bihom tista' tigi akkolta talba taht l-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Illi f'dan ir-rigward, issir referenza ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Darmanin Charles et vs Cachia Albert et (Rikors Numru 267/2007 JRM), deciza fil-31 ta' Lulju 2007, fejn il-Qorti, fl-ambitu ta' rikors simili fejn it-talba kienet ticcntra unikament fuq l-ghotja ta' garanzija taht l-artikolu 838A tal-Kap. 12, irriteniet is-segwenti:

*"Illi ladarba r-rikorrent ma ressaq l-ebda kwestjoni dwar ragunijiet li dwarhom il-Qorti tista' tikkunsidra li tordna lill-intimati ezekutanti jhallsuh penali (Art. 836(8) tal-Kap 12), din il-Qorti ssib ghalhekk li ma jirrizultawx il-kundizzjonijiet li bihom tista' tilqa' t-talba tar-rikorrenti taht l-artikolu 838A tal-Kap 12".*

iii. Illi ssir referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet John Micallef Builders Limited vs Lyons Properties Limited (Rikors Numru 230/2018 AF), deciza fid-29 ta' Novembru 2018, fejn dina l-Onorabbli Qorti abbraccjat l-insenjamenti enuncati fis-sentenza surreferita Darmanin et vs Cachia et;

Illi dan qieghed jinghad ukoll fl-isfond illi t-talba da parti tal-kumpanija sekwestrata hija talba bbazata fuq spekulazzjoni illi *"fl-eventwalità li FXDD f'xi hin jew iehor fil-futur issib illi ghandha l-jedd li tfittex u tottjeni danni, interessi jew penali konsegwenza tal-Mandat ipprezentat minn BT Prime, FXDD ser issib illi, f'Malta, m 'hemm hadd li jkun jista' jaghmel tajjeb ghalihom*";[1]*(Vide: Pagna 3 u 4 tar-rikors promotur.)*

iv. Illi ghaldaqstant jirrizulta *ex admissis*, illi mhux talli FXDD mhijiex, fil-prezent, qed tfittex ghal xi penali, danni u/jew imghaxijiet skont il-ligi, talli l-prospett illi tfittex ghall-penali, danni u/jew imghaxijiet ghadha ipotezi spekulattiva li certament ma tistax titqies li tissodisfa r-rekwiziti mahsuba fl-artikolu 838A tal-Kap. 12, liema artikolu addirittura jirrikjedi illi jkun hemm "kawza gusta" sabiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tal-kumpanija sekwestrata;

v. Illi f' dan r-rigward, issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet Azzopardi Josephine vs Farrugia Angelo et (Rikors Numru 1203/2018 LSO) deciza fis-16 ta' Mejju 2019 fejn dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta rriteniet is-segwenti:

*"Ghaldaqstant ma gew pruvati l-ebda danni a tenur tal-art. 838A tal-Kodici t'Organizzazzoni u Procedura Civili u konsegwentement m 'hemm lok ghall-impozizzjoni ta' ebda garanzija f'dan ir-rigward*. "

vi. Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba da parti tal-kumpanija sekwestranti ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru *de quo* saret regolarment u b'ezercizzju tad-drittijiet moghtija lill-istess kumpanija sekwestranti illi tikkawtela l-pretensjoni illi ghandha fil-konfront tal-kumpanija sekwestrata, liema pretensjoni giet dedotta permezz ta' kawza fil-mertu fl-ismijiet BT Prime Ltd v. Boston Technologies et (kopja ta' liema tinsab annessa kemm mal-mandat ta' sekwestru inniffsu u kif ukoll mar-rikors promotur ta' dawn il-proceduri);

vii. Illi f' dan ir-rigward, il-kumpanija sekwestranti ser taghmel referenza ghas-sentenza celebri fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 fl-ismijiet: <u>Zarb John vs Port Cottonera Limited</u> (Rikors Numru 883/02 TM) deciza fit-18 ta' Settembru 2002 fejn il-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

*"Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghal-responsabbilta` ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permissibili mil-ligi. Ghalhekk, gie deciz li min jiftah il-kawza u jitlifha, ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b 'mod vessatorju (ara "<u>Farrugia vs Sammut</u>", Kollex Vol. XXXV111.1.223); u "<u>Barbara vs Fleri</u>" Kollez. vol. XXV111.111.695). Huwa meta persuna tagixxi kapriccosament jew b 'mala fede, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha.*

ix. Il-Qorti tkompli billi taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet <u>Spiteri vs Camilleri</u> deciza fl-10 ta' Jannar 1992 fejn gew riaffermati s-segwenti principji:

(a) *Illi huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghall-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel;*

(b) *Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat;*

(c) *Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non ci riesca" ("<u>Demaio vs Page</u>" Kollez. Vol. XV. Pg. 34 P.A. 24.1.1985). Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom;*

(d) *Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjetà ("<u>Emanuele Calleja vs Carmelo Grima</u>" Kollez. Vol. XMIX. I. 24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza ("<u>Agius vs Dott. Carbone nominee</u> " Kollez. Vol. XIII. 434), fejn min ikun agixxa lill-Qorti ghall-*

*hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq Cirkostanzi manifesti 'priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite" ("Mugliette vs Bezzina" Kollez. Vol. XXVI. 1. 405);*

(e) *Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjetà jimplika abbuz ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-*

*"Il diritto cessa dove comincia l-abbuso... Riteniamo che basta, per proteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti." Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in sequito ad un grossolano errore, puo ' essere condannato a pagare un 'indemnita ,al suo avversario... (Baudry-Lacantineri — Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni - vol. V1. Pg. 560).*

x. Illi ghaldaqstant, *in vista* ta' dak kollu premess u senjatament *stante* illi l-kumpanija sekwestrata naqset ghal kollox milli tipprova illi hija intitolata ghal (jew addirittura illi mqar qed tippretendi) xi penali, danni u/jew imghaxijiet a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghall-impozizzjoni ta' ebda garanzija f' dan ir-rigward.

**B. Nuqqas ta' "Kawza Gusta"**

xi. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kumpanija sekwestrata naqset ghal kollox milli turi xi "kawza gusta" illi tista b'xi mod tiggustifika t-talba taghha ghall-impozizzjoni ta' "*garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista ' tigi mposta u ta' danni u imghax*";

xii. Illi b'referenza ghas-sentenza succitata fl-ismijiet Darmanin Charles et vs Cachia Albert et, dina l-Onorabbli Qorti kif diversement ippresjeduta rriteniet is-segwenti:

*"Illi minbarra dan il-ligi trid ukoll li lill-qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta’ Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta” ghall-finijiet ta ' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li hu bizzejjed biex jikkostitwixxi "kawza gusta" ghall-finijiet tal-artikolu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inhareg Mandat kawtelatorju tkun qeghda ggarrab danni minhabba dak ilMandat. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-qorti taghti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-htija kif imfissra fl-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili*";

Illi din il-konsiderazzjoni tikkombaxja ma’ dak kostantament ritenut fil-gurisprudenza *"l-ermenawtika gurisprudenzjali taghna dejjem esegiet, li sabiex ikun applikat dan l-artiklu [Art. 838A] irid ikun hemm ragunijiet serji u impellenti (ara Sentenza PA per Imhallef Anna Felice tas-6 ta’ Frar 2013 fl-ismijiet Associated Supplies Ltd -vs- Joseph Mizzi)*";

*(<u>Marmara Ronald vs Magri Charlene</u> (Rikors Numru 1235/2018 TA) deciz fil-15 ta' Jannar 2019).*

xiii. Illi l-kumpanija sekwestrata ma gabet l-ebda raguni u wisq anqas xi raguni li tista' titqies serja u impellanti u li dunque tista' titqies bhala "kawza gusta" *ai fini* tal-artikolu 838A tal-Kap. 12;

xv. Illi minkejja illi mir-rikors promotur ma jirrizultax bi kjarezza a bazi ta' xiex il-kumpanija sekwestrata qieghda tallega illi hemm "kawza gusta" li a bazi taghha tippretendi illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' t-talba taghha, jidher illi tali allegazzjoni hija bbazata fuq il-premessa illi l-kumpanija sekwestranti m' ghandhiex prezenza f'Malta *stante* illi hija registrata fil-Bermuda;

xvi. Illi b'kull dovut rispett, din il-premessa ma tikkostitwixxix raguni serja u impellenti li ghandha twassal lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' t-talbiet tal-kumpanija sekwestrata, u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati fil-paragrafi li gejjin;

xvii. Illi preliminarjament, jigi umilment rilevat illi l-ligi taghna mkien ma tohloq xi distinzjoni bejn persuni, kemm flzici u kif ukoll legali, li huma prezenti f' Malta *o meno* u konsegwentement ma hemm l-ebda prezunzjoni awtomatiku illi, ladarba s-sekwestrant huwa barrani, ghandu necessarjament jipprovdi xi garanzija *ai fini* tal-artikolu 838A tal-Kap. 12;

xviii. Illi inoltre l-allegazzjoni spekulattiva illi *"fl-eventwalità li FXDD f'xi hin jew iehor fil-futur issib illi ghandha l-jedd li*

*tfittex u tottjeni danni, interessi jew penali konsegwenza tal-Mandatipprezentat minn BT Prime ... tkun kostretta ingustament tiftah proceduri fl-Istati Uniti (fejn hemm il-proceduri ta' insolvenza) jew fil-Bermuda (fejn BT Prime hija registrata), indubbjament bi spiza u inkonvenjenza kbira, izda bi propett zghir ta' success*" ma tistax titqies bhala raguni serja u impellenti illi tissodisfa r-rekwizit ta' "kawza gusta" kif ikkontemplat fl-artikolu 838A tal-Kap. 12. Dan qieghed jinghad peress illi, fl-ewwel lok, il-kumpanija sekwestrata mhux qed tippretendi ebda penali, danni u/jew imghaxijiet, fit-tieni lok, ma hemm xejn xi jzomm lill-kumpanija sekwestrata milli tiftah proceduri f' Malta kemm-il darba jidhrilha illi huwa iktar konvenjenti ghaliha illi taghmel hekk *stante* illi, *prima facie*, ma hemm xejn x'jindika illi l-Qrati Maltin m' ghandhomx il-gurisdizzjoni *rationae materiae* illi jiddeterminaw xi talba ghal penali, danni u/jew imghaxijiet, u fit-tielet lok, l-allegazzjoni ta' spiza kbira u ta' inkonvenjenza certament illi ma jistghux jitqiesu bhala xi "kawza gusta" ai fini tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 peress illi kull procedura, fi kwalsiasi gurisdizzjoni, iggib maghha spejjez u inkonvenjenza;

xix. Illi tenut kont ta' dak kollu premess, u minghajr pregudizzju ghal sottomissjonijiet ulterjuri spettanti lill-kumpanija sekwestranti kemm-il darba l-kumpanija sekwestrata tispjega b'aktar kjarezza n-natura tal-kawza gusta" minnha pretiza, il-kumpanija sekwestrata naqset milli tipprova xi kawza gusta kif rikjest mill-artikolu 838A tal-Kap. 12 u konsegwentement it-talbiet taghha ghandhom jigu michuda.

## C. L-Ammont tal-Garanzija

xx. Illi filwaqt illi huwa minnu illi l-ligi thalli diskrezzjoni wiesgha f'idejn il-Qorti sabiex jigi ddeterminat l-ammont tal-garanzija, tali garanzija ghandha tigi imposta in kawtela ta' dawk il-penali, danni u/jew imghax pretizi mill-kumpanija sekwestrata;

xxi. Illi *stante* illi, kif gja rilevat estensivament fil-paragrafi precedenti, il-kumpanija sekwestrata naqset ghal kollox milli titlob xi penali, danni u/jew imghaxijiet u naqset ukoll milli ggib xi prova, imqar f' livell *prima facie* illi ghandha xi jedd fondat illi tippretendi xi penali, danni u/jew imghaxijiet per konsegwenza tal-mandat in kwistjoni (anzi gie dikjarat mill-kumpanija sekwestrata fir-rikors inniffsu illi fil-prezent mhux qed tippretendi illi ghandha dan il-jedd[3]), isegwi illi l-kumpanija sekwestrata mhijiex tippretendi penali, danni u/jew imghaxijiet u konsegwentement ma hemmx lok ghall-impozizzjoni ta' ebda garanzija f' dan ir-rigward a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap. 12.

6. Illi ghal kull buon fini u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, il-kumpanija sekwestranti ser twiegeb ghal xi punti mqajjma mill-kumpanija sekwestrata f'dik is-sezzjoni tar-rikors taghha intitolata "Il-Fatti".

---

[3] *Vide*: a. Par. 10 tar-rikors promotur: "L-FXDD qed tiddikjara minn issa li hija ser taghmel – izjed il-quddiem – rikors separat ghar-revoka ta' dan il-Mandat u jekk issib li hemm lok li tfittex ghad-danni, penali u interessi, ser tipprocedi b 'talbiet appotit?' (emfazi mizjud)

b. Par. 15 tar-rikors promotur: "Ghalhekk, fl-eventwalità li FXDD f'xi hin jew iehor fil-futur issib illi ghandha l-jedd li tfittex u tottjeni danni, interessi jew penali..." (emfazi mizjud)

a. Paragrafi 6, 8 u 9 - Referenza ghall-proceduri pendenti quddiem il-United States Bankruptcy Court, District of Massachusetts (Eastern Division).

F'dan ir-rigward, jigi umilment rilevat illi l-proceduri fl-iStati Uniti qed jimxu b'mod regolari u l-kumpanija sekwestrata hija ben rapprezentata f'dawk il-proceduri u qieghda ssegwi attivament l-istess. Jigi umilment rilevat ukoll illi permezz ta' *Motion to Dismiss* ipprezentat mill-kumpanija sekwestrata u minn kumpaniji ohra affiljati mal-kumpanija sekwestrata, l-istess kumpaniji talbu lill-Qorti in kwistjoni sabiex, inter alia, tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju a bazi ta' numru ta' aggravji msejha *counts.* Il-Qorti, permezz ta' decizjoni moghtija fid-29 ta' Marzu 2019, filwaqt illi laqghet Count XVI milli msemmija *Motion to Dismiss*, cahdet il-*counts* l-ohra kollha u awtorizzat il-prosegwiment tal-proceduri fil-mertu kontra l-konvenuti kollha, inkluza l-kumpanija sekwestrata. Kopja tal-*Memorandum of Decision on Motions to Dismiss* qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. BTP 3".

Ghal kull buon fini, jigi umilment sottomess illi l-kumpanija sekwestranti prudentement u b' ghaqal kbir stenniet l-ezitu tal-imsemmija *Motion to Dismiss* qabel ma ntavolat il-mandat ta' sekwestru mertu tal-proceduri odjerni, u dan partikolarment *in vista* tat-talba da parti tal-kumpanija sekwestrata illi l-United States Bankruptcy Court, District of Massachusetts (Eastern Division) tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, liema talba giet ormai michuda u l-imsemmija Qorti ser tipprosegwi bis-smigh fil-mertu;

b. Paragrafu 9 — Referenza ghall-ammont mitlub fil-mandat ta' sekwestru u dak indikat fl-ittra ufficjali ta' Jannar 2017

Filwaqt illi huwa minnu illi l-ammont indikat fl-ittra ufficjali ta' Jannar 2017 huwa ferm iktar mill-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru *de quo*, jigi spjegat illi filwaqt illi permezz tal-ittra ufficali surreferita mibghuta lil diversi persuni fizici u guridici izda li Ikoll huma affiljati mal-kumpanija sekwestrata gie mitlub l-ammont kollu pretiz mill-kumpanija sekwestranti, u cioe' l-ammont ta' dsatax-il miljun, sitt mija u hamsin elf, mija u disgha Dollaru Amerikan u sitta u disghin centezmu ($19,650,109.96), il-mandat ta' sekwestru *de quo* gie Ilimitat, ghal darb'ohra bi prudenza u b'ghaqal kbir, ghall-ammont ta' seba' miljuni, hames mija sitta u tmenin elf, tmien mija u hamsin Dollaru Amerikan ($7,586,850) ekwivalenti ghal sitt miljuni, tmien mija u tmint elef, erba' mija disgha u tletin Euro u dsatax-il centezmu (€6,808,439.19) u cioe' dak l-ammont li jista' jigi facilment ipprovat f' livell *prima facie* li gie ttrasferit mill-kontijiet bankarji tal-kumpanija sekwestranti lill-kumpanija sekwestrata, u dan kif spjegat faktar dettall f' pagni disgha (9) u ghaxra (10) tal-*Complaint* li tinsab annessa mal-mandat ta' sekwestru u mmarkata bhala "Dok. BTP 2". Kopja tal-istess giet ukoll ipprezentata flimkien mar-rikors promotur ta' din il-procedura bhala parti mid-dokument immarkata "FXDD 1. Ghal kull buon fini jigi ghal darb' ohra rilevat illi l-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru *de quo* gie hekk indikat minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi somma ulterjuri li jista' jirrizulta li huwa dovut mill-kumpanija sekwestrata lill-kumpanija sekwestranti.

Illi għal kull buon fini u sabiex jiġi evitat kwalsiasi dubju illi hemm "xi tendenza li l-ammonti [jitfajru] daqsxejn bl-addoċċ", qed jiġu esebiti s-segwenti dokumenti :

i. *Statement* ta' TD Bank fejn qed jiġi muri t-trasferiment ta' żewġ miljun Dollaru Amerikan ($2,000,000), li taqbel mal-ewwel ċifra indikata fil-*breakdown* tal-ammont kif indikat fil-mandat ta' sekwestru u kif ukoll l-ewwel ammont imniżżel f' paġna 9 tal-Complaint (Dok. BTP 2) - Dan l-i*statement* qed jiġi mmarkat bħala ”Dok. BTP 4”;

ii. *Statement* ta' ANZ fejn qed jiġi muri t-trasferiment ta' miljun u ħames mitt elf Euro (€1,500,000) ekwivalenti dak iż-żmien għal ċirca miljun, seba' mija u sitta u tletin elf, tmien mija u ħamsin Dollaru Amerikan ($1,736,850), li taqbel mat-tieni ċifra indikata fil-*breakdown* tal-ammont kif indikat fil-mandat ta' sekwestru u kif ukoll it-tieni ammont imniżżel f' paġna 9 tal-C*omplaint* (Dok. BTP 2) — Dan l-*istatement* qed jiġi mmarkat bħala “Dok. BTP 5”'

iii. *Statement* ta' ANZ fejn qed jiġi muri t-trasferiment ta' mija u ħamsin miljun Yen Ġappuniż (¥150,000,000) ekwivalenti dak iż-żmien għal ċirca miljun u ħamsin elf Dollaru Amerikan ($1,050,000), li taqbel mat-tielet ċifra indikata fil-*breakdown* tal-ammont kif indikat fil-mandat ta' sekwestru u kif ukoll l-ewwel ammont imniżżel f' paġna 10 tal-*Complaint* (Dok. BTP 2) — Dan l-i*statement* qed jiġi mmarkat bħala 'Dok. BTP 6”.

iv. *Statement* ta' ANZ fejn qed jiġi muri t-trasferiment ta' tliet mitt elf Dollaru Amerikan ($300,000), li taqbel mar-

raba' cifra indikata fil-*breakdown* tal-ammont kif indikat fil-mandat ta' sekwestru u kif ukoll it-tieni ammont imniżżel f' pagna 10 tal-*Complaint* (Dok. BTP 2) — Dan l-i*statement* qed jigi mmarkat bhala "Dok. BTP 7"'

v. *Statement* ta' TD Bank fejn qed jigi muri t-trasferiment ta' żewg miljun u hames mitt elf Dollaru Amerikan ($2,500,000), li taqbel mal-hames cifra indikata fil-*breakdown* tal-ammont kif indikat fil-mandat ta' sekwestru u kif ukoll l-ewwel ammont imniżżel f' paragrafu 51 f' pagna 10 tal-*Complaint* (Dok. BTP 2) — Dan l-i*statement* qed jigi mmarkat bhala "Dok. BTP 8".

Ghaldaqstant, *in vista* ta' dak kollu premess u b'riserva illi jitressqu xhieda u jingiebu provi ulterjuri waqt is-smigh ta' dan ir-rikors, il-kumpanija sekwestranti titlob bir-rispett illi dina L-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment illi jidhirlha xieraq u opportun, tichad it-talbiet tal-kumpanija sekwestrata fl-intjier taghhom, bl-ispejjez kontra I-kumpanija sekwestrata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 30 ta' Mejju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehdet bil-gurament taghha Dr Nicola Mallia in kontro-ezami, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Thompson ipprezenta nota b'erbgha (4) dokumenti u kopja giet mghoddija lid-difensuri tal-kontro-parti, li ezentaw lill-intimati ezekutanti milli jippruvaw ulterjorment I-awtenticita' taghhom. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali ta' Dr Adrian Mallia, Dr Jonathan Thompson u Dr Jean Mallia, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Mandat gie differit ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz tar-rikors odjern, is-socjeta' ezekutata FXDD Malta Limited, socjeta` registrata f'Malta, qed tagixxi *ai termini* tal-**Artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** sabiex din il-Qorti tordna lis**-socjeta' ezekutanti, BT Prime Limited**, socjeta' registrata gewwa l-Bermuda, sabiex din tipprovdi garanzija xierqa, stabblita f'dawn il-proceduri, ghall-hlas ta' penali li tista' tigi imposta u danni u imghax, u fin-nuqqas, tnehhi l-att kawtelatorju.

Illi s-socjeta' ezekutanti, tramite l-mandatarji taghha, opponiet ghat-talba billi ma jezistux l-elementi mehtiega ghall-imposizzjoni ta' tali garanzija. Is-socjeta' ezekutanti sostniet li l-kreditu pretiz taghha kif imfisser fil-mandat lanqas gie ikkawtelat fis-shih. Ghalhekk is-socjeta' ezekutata m'ghandhiex assi bizzejjed biex tissoddisfa tali pretensjonijiet. Difatti huwa pacifiku bejn il-kontendenti li l-ammont maqbud bil-mandat huwa inferjuri ghall-ammont ta' €6,808,439.19 dikjarat bhala *sorte*. Inoltre eccepiet li r-rikorrenti odjerni naqqsu milli jaghtu prova tad-danni, imghaxijiet u penali dovuti. Anzi din il-pretensjoni hija spekulattiva. Naqqset ukoll milli turi kawza gusta.

Illi kien hemm opposizzjoni registrata ghall-kwistjoni tal-*quantum* tal-garanzija.

**Fatti**

Mhuwiex ikkontestat li s-socjeta' FXDD hija licenzjata mill-MFSA sabiex tipprovdi servizzi finanzjarji ta' *foreign exchange trading*, u ghalhekk hija soggetta ghas-supervizjoni tal-istess MFSA. Lanqas li s-socjeta' BT Prime Limited hija registrata l-Bermuda u prezentement qed tissubixxi proceduri ta' likwidazzjoni. Inoltre din is-socjeta' estera m'ghandhiex prezenza f'Malta ghajr tramite il-mandatarji taghha. Difatti gie premess, u mhux ikkontestat li Dr Jean C Farrugia u Dr Jonathan Thompson inghataw prokura specjali minn John Haggerty *"in his capacity of Liquidating Supervisor of the abovementioned BT Prime Limited"* (ara Dok FXDD 2);

Illi fit-30 ta' April 2019 is-socjeta' ezekutanti ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 566/2019 (fol 8) fl-ammont ta' €6,808,439.19 ekwivalenti ghall $7,586,850 u dawn bhala "ammont dovut mill-kumpannija sekwestrata lill-kumpannija sekwestranti rapprezenti parti minn ammont akbar dovut lill-istess kumpannija sekwestranti, liema pretensjoni giet dedotta permezz ta' kawza ipprezentata quddiem il-United States Bankruptxy Court District of Massachusette (Easter Division) USA fl-ismijiet "**BT Prime LTD v BostonTechnologies powered by Proexware LLC f/k/a/Forexware LLC Currency Mountain Holdings Limited g/k/a/ Forexware Malta Holdings Limted,FX director dealer, LLC and FXDD Malta Limited".** Il-kawzali dedott fil-mandat jkompli li diversi ammonti gew ittrasferiti illegalment u

frawdolentement mill-kontijiet bankarji tal-kumpannija sekwestranti lil kumpannija sekwestrata.

B'effett ta' dan il-mandat, gew sekwestrati l-ammonti ta' sitt mija u tnejn u ghoxrin elf erba' mija u wiehed u disghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€622,491.95) provenjenti mill-kont bankarju ta' FXDD mizmum fil-kont tal-Bank of Valletta bin-numru 40018817339, kif ukoll l-ammont ta' zewg miljun disa' mija sitta u tmenin elf u mija u tmien Dollaru Amerikan u sbatax-il centezmu ($2,986,108.17) provenjenti mill-kont bankarju ta' FXDD mizmum fil-kont tal-Bank of Valletta bin-numru 40018817342 ta' FXDD.

Ghalhekk is-socjeta' sekwestrata adixxiet lil din il-Qorti bit-talba fuq premessa.

**Xhieda**

**Xehdet Dr. Nicola Mallia** li spjegat in-natura tas-servizzi offruti mis-socjeta' sekwestrata. Qalet li hija mandatorja li l-ammont mizmum f'investimenti tal-klijenti jigi garantit b'fondi mizmumin mill-istess socjeta'. Dan gie kolpit b'effett tas-sekwestru billi ittiehdu fondi sostanzjali. Dan ser igib konsegwenzi fuq l-operat tal-kumpannija senjatament fuq il-profitti u dhul. Illikwidat l-ammont ta' danni reali fis-somma oltre telf potenzjali ta' profitti futuri.

**DRITT**

Ikkonsidrat li kemm fix-xhieda kif ukoll fit-trattazzjoni, s-socjeta' sekwestrata sahhqet fuq l-esigenzi regolatorji tan-negozju taghha u anke fuq id-danni li qed jigu kkagunati u dawk li potenzjalment ser tissubixxi b'effett tas-sekwestru *stante* l-ammont sostanzjali li gie mizmum mill-Bank of Valletta plc.

Illi **l-Artikolu 838A tal-Kap 12** jiddisponi li: "*Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.*"

Illi jigi premess li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[4]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn.

Illi sallum il-mandat *de quo* ghadu vigenti u kwindi din it-talba tista' validament tigi proposta.

---

[4] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd***

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "*kawża ġusta"* biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala *"kawża ġusta"* għall-finijiet ta' dan l-artikolu[5]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni.

F'dan is-sens hekk kif inghad fid-decizjoni **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited"** (P.A. (RCP) – 20 ta' Mejju 2002) u wkoll fid-decizjoni **"Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et"** (P.A. – 30 ta' Gunju 2000) :-

*"Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta….".*

Hekk ukoll fil-kaz **Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty** (dec. PA GC fl-4 ta' Ottubru 2002) gie ritenut, konsistentement mal-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati li :

*"Il-fatt "per se" li jkun gie ottjenut il-hrug ta' att kawtelatorju, ma jghamilix awtomatika li talba bhal din, sabiex tinghata garanzija xierqa, ghandha tigi akkolta. Lanqas ma jista' jinghad li l-istess fatt "per se" huwa "kawza gusta" skond kif trid il-ligi. Skond il-ligi minn qed jaghmel talba bhal din in*

[5] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***

*ezami ghandu jipprova li hemm kawza gusta. F'dan il-kaz ma jistax jinghad li r-rikorrenti pprova b'mod sufficjenti li tezisti kawza gusta ghala t-talbiet tieghu ghandhom jigu akkolti;"*

Din il-konsiderazzjoni hija essenzjali ghall-apprezzament shih tat-talba odjerna. Din il-qorti ma tistax tidhol fil-mertu tal-litigazzjoni bejn il-kontendenti. Madanakollu t-talba ghall-imposizzjoni ta' garanzija hija necessarjament marbuta ma' certu kawzali, kif ser jintwera, sabiex jigi sostnut li hemm, fil-fatt u fil-ligi, kawza gusta skont l-artikolu 838A.

Illi dan premess huwa ritenut li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[6], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ mandat kawtelatorju u l-istess mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[7] minħabba l-istess Mandat.

Illi fil-kawza **Mangion Galea vs Stewart[8]** gie dikjarat*: "li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju u bhala konsegwenza ta' tali hrug u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi*

[6] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[7] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[8] Digriet datat 29 ta' Lulju 2005 fl-atti tal-Mandat 494/05.

*ghal tali likwidazzjoni (ara PA (GC) 2 ta' Marzu 2001* ***Avukat Dr. Vincent Falzon vs Alex Sullivan****)."*

Illi inoltre huwa principju stabbilit li gie deciz li min jiftah il-kawza u jitlifha, ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatorju (ara **Farrugia vs Sammut**", Kollez Vol.XXXVIII.I.223); u "**Barbara vs Fieri**" Kollez. Vol. XXVI11.111.695). Huwa meta persuna tagixxi kapriccozament jew *b'mala fede,* li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, s-socjeta' rikorrenti mhix qed taddebita l-ebda *mala fede* lis-socjeta' ezekutanti. It-talba tippernja fuq il-fatt li BT Prime Limited m'ghandhiex presenza f'Malta u konsegwentement, l-istess rikorrenti odjerna tilmenta li l-pretensjoni taghha ghall-penali u danni li 'l quddiem s-socjeta' ezekutanti tista' tiġi kundannata tħallas, mhix kawtelabbli minghajr l-imposizzjoni tal-garanzija rikjesta.

Il-Qorti tifhem li r-rikorrenti qed titlob il-hrug ta' garanzija semplicement ghaliex minghajrha, tkun kostretta li tfittex id-drittijiet taghha fl-esteru. Inoltre targumenta li dan mhux biss johloq diffikoltajiet kbar imma anke tezisti l-incertezza li tigi rizarcita minhabba li s-socjeta' ezekutata qed tigi likwidata.

In sostenn tat-tezi taghha ticca mid-digriet fl-ismijiet **Bruno Romano' v Blaschem (Malta) Limited** (PA JRM - 23 ta' Lulju 2003)[9].

---

[9] Rik.Numru 1906/2001.

Illi f'dawk il-proceduri, l-ezekutat kien talab it-thassir tal-mandat, oltre penali u/jew garanzija. Il-Qorti laqghet it-talba ghall-hrug tal-garanzija u rriteniet hekk:

*"Dan jingħad l-iżjed għaliex l-intimat eżekutant m'huwiex ċittadin Malti, ma jidhirx li għandu ġid f'Malta u ħalla Malta minnufih wara li ħareġ il-Mandat (jekk mhux ukoll qabel, kif donnu jindika fix-xhieda tiegħu nnifsu, u reġa' ġie Malta biss biex jagħti x-xhieda tiegħu f'dawn l-atti u ħatar mandatarji speċjali biex jidhru għalih fl-atti tal-Mandat u dawk marbutin miegħu. Huwa hawnhekk li l-Qorti sejra tieħu qies tat-tbatija li qegħda ġġarrab il-kumpannija rikorrenti bil-Mandat fis-seħħ u huwa hawnhekk li l-Qorti trid tassigura li għalkemm l-intimat eżekutant ressaq fi żmien utli l-Att taċ-Ċitazzjoni, isegwih b'għaqal u mingħajr tnikkir. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħraf ukoll minn xiex kellu jgħaddi l-proċediment tal-atti tal-kawża fil-mertu, fid-dawl tal-bdil li seħħ fl-organiżżazzjoni tas-smigħ tal-kawżi, fejn illum il-kawża qegħda tinstema' minn ġudikant ieħor u għadha fi stadju preliminari*;."

Is-socjeta' ezekutanti min-naha taghha strahet principalment fuq zewg argumenti u cioe`: i) in nuqqas ta' prova ta' danni; u ii) nuqqas ta' kawza gusta.

Ikkonsidrat li huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li l-fatt li mandat johloq xi pregiudizzju jew inkonvenjent fuq id-debitur sekwestrat mhuwiex fih innifsu raguni ghat-thassir tal-mandat. Inoltre kif gie ribadit fil-kaz fl-ismijiet **Blye**

**Engineering Co. Ltd vs Paolo Bonnici Limited** (dec. fis-7 ta' Lulju 2004):

*"Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li l-ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabilita' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibbli mill-ligi. Ghalhekk gie deciz li min jiftah kawza u jitlifha ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatorju (vide* ***Farrugia vs Sammut****, Kollezz. VOl. XXVIII.I.2.23; u* ***Barbara vs Fleri*** *Kollezz Vol. XXVIII.695). Huwa biss meta persuna tagixxi kapriccjozament jew mala fede, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwi l-agir irresponsabbli taghha."*

Dan kollu in forza tal-principju *qui iure suo utitur neminem laedit*.

Illi huwa minnu li kif irriteniet il-Qorti fil-proceduri **Mediterranean Film Studios vs Galea et** (30.6.2000), il-fatt wahdu li jkun inhareg mandat m'huwiex sufficjenti sabiex tigi gustifikata l-imposizzjoni ta' garanzija. Ir-ragunijiet iridu jkunu gravi u impellenti. *"Ta' min jghid hawnhekk li l-ordni biex tinghata garanzija m'hijiex l-istess bhal kundanna ta' penali jew kundanna ghall-hlas ta' danni: l-ghan wahdieni taghha huwa li tqieghed lill-parti ezekutata f'qaghda li, meta u jekk tibda proceduri ghal dan il-ghan, issib assi li fuqhom tkun tista' tesegwixxi decizjoni favorevoli ghaliha."*

Madanakollu din it-talba ghad-danni, f'kaz li eventwalment issir, ghandha titqies fil-kuntest **tas-subincizi (8) u (9) ta' l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12** (*vide* digriet, Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Novembru 2000, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 4181/99FF, fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe vs Exalco Holdings Limited** iccitat fil-proceduri fl-ismijiet **l-Avukat Dottor Tonio Fenech nomine et v Patrick Spiteri** - PAGC dec. fit-3 ta' Awwissu 2001).

Difatti l-**artikolu 838(9)** jinqara :

*"(9) <u>Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan</u>, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni."* (emfasi ta' din il-Qorti).

Jekk allura l-**artikolu 838A** huwa mmirat sabiex tintalab garanzija f'kaz li jista' jkunu dovuti penali u/jew danni kontemplati fl-**artikolu 836 (8) u (9)** indikat, isegwi li tali talba ghandha taqa' taht wahda jew aktar mid-disposizzjonijiet tal-istess artikoli u certament li mill-premessi tal-istess rikors ma hemmx xejn x'jindika li l-istess talba odjerna taqa' b'xi mod lanqas remotament taht wahda mill-istess disposizzjoni tal-**artikolu 838 (8) (d)** u lanqas taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 (9).** Lanqas

mhu qed jigi allegat li t-talba ghall-hrug tal-mandat kienet b'xi mod eccessiva, fiergha jew vessatorja, jew li almenu timplika xi htija a bazi tal-**artikoli 1031 u 1032 tal-Kap. 12 ("Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et nomine"** P.A. – 30 ta' Gunju 2000; **"John Zarb vs Port Cottonera Limited"** – P.A. (TM) – 18 ta' Settembru 2002; **"Joseph Parnis et vs Raymond Pace et"** (P.A. (GC) – 6 ta' April 2001); **"Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited"** – P.A. (TM) – 13 ta' Marzu 2003); u **"Miriam Isabelle Causon vs Vincent Fenech et"** P.A. (JRM) – 28 ta' April 2008; u **"Bonnett vs Borg"** – Rikors Numru 589/07).

Illi bir-rikors odjen, ir-rikorrenti ma ressqitx imqar *prima facie*, raguni ta' frivolozita' jew malizzjozita`. Anzi jirrizulta li s-socjeta' ezekutanti ddeduciet talbiet gudizzjarjament kontra s-socjeta' Maltija u ma hemm xejn li jaghti x'jifhem li dawn il-proceduri mhumiex qed jigu segwiti rigorozament. L-aspett internazzjonali jew *cross border* tal-litigazzjoni mhix raguni bizzejjed biex twassal sabiex it-talba tigi milqugha.

Ikkonsidrat ghalhekk li din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrenti li l-fatt wahdu li l-ezekutanti m'ghandhiex assi jew presenza f'Malta jissoddisfa dan ir-rekwizit ta' gusta kawza. Altrimenti l-ebda persuna ma tkun tista' tadixxi lil dawn il-Qrati biex tikkawtela jedd pretiz minghajr ma jkollha toffri garanzija xierqa ghas-semplici fatt li intavolat il-mandat. Il-ligi taghna ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn kredituri li jghixu f'Malta u dawk li m'ghandhomx presenza f'dawn il-Gzejjer.

Illi ovvjament din il-Qorti qed tillimita ruhha dwar it-talba kif proposta u bl-ebda mod ma hija ser tidhol fuq il-mertu tal-kawza pendenti bejn il-partijiet. Dan jesorbita mill-iskop ta' din il-procedura.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talba kif dedotta.

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**20 ta' Gunju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Gunju 2019**